I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar il-Promozzjoni tal-Fiduċja fis-Soċjetà tal-Informazzjoni bit-Trawwim tal-Protezzjoni u tal-Privatezza tad-Dejta

(2010/C 280/01)

IL-KONTROLLUR EWROPEW TAL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik data [1],

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika [2]

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

### I. DAĦLA

1. It-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) qegħdin jippermettu kapaċitajiet tremendi f'virtwalment kull aspett ta' ħajjitna – kif naħdmu, nilagħbu, nissoċjalizzaw u nedukaw. Huma essenzjali għall-ekonomija tal-informazzjoni tal-lum u għas-soċjetà inġenerali.

2. L-Unjoni Ewropea hija forza globali fl-ICT avvanzata u hija ddeterminata li tibqa' tali. Biex tilħaq din l-isfida, il-Kummissjoni Ewropea dalwaqt mistennija tadotta Aġenda Diġitali Ewropea ġdida li l-Kummissarju Kroes ikkonfermat bħala l-prijorità tagħha [4].

3. L-EDPS jirrikonoxxi l-benefiċċji li joħorġu mill-ICT u jaqbel li l-UE għandha tagħmel mill-aħjar sabiex tagħti spinta lill-iżvilupp u l-adozzjoni mifruxa tagħhom. Huwa jaqbel kompletament mal-opinjonijiet tal-Kummissarji Kroes u Reding li l-individwi għandhom ikunu fil-qalba ta' dan l-ambjent ġdid [5]. L-individwi għandhom ikunu jistgħu jserrħu rashom mill-kapaċità tal-ICT li żżomm l-informazzjoni tagħhom b'mod sikur u li jikkontrollaw l-użu tagħha. Għandhom iħossuhom ukoll fiduċjużi li d-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-dejta tagħhom ikunu onorati fl-ispazju diġitali. Ir-rispett ta' dawk id-drittijiet huwa essenzjali sabiex tiġi ġġenerata l-fiduċja tal-konsumatur. U tali fiduċja hija kruċjali jekk iċ-ċittadini għandhom iħaddnu servizzi ġodda [6].

[1] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[2] ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.
[3] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[4] Tweġibiet għall-Kwestjonarju tal-Parlament Ewropew għall-Kummissarju Neelie Kroes fil-kuntest tas-seduti tal-PE ta' qabel il-ħatra tal-Kummissarju.
[5] Tweġibiet għall-Kwestjonarju tal-Parlament Ewropew għall-Kummissjunarju Neelie Kroes fil-kuntest tas-seduti tal-PE ta' qabel il-ħatra tal-Kummissarju; id-diskors tal-Kummissarju Viviane Reding dwar "Aġenda Diġitali Ewropea għall-Konsumatur Diġitali Ġdid, mogħti fil-Forum tal-Multi-interessati tal-BEUC dwar il-Privatezza tal-Konsumatur u Online Marketing: Tendenzi tas-Suq u Perspettivi Politiċi", Brussell 12 ta' Novembru 2009.
[6] Ara, per eżempju, ir-Rapport RISEPTIS, "Fiduċja fis-Soċjetà tal-Informazzjoni", Rapport tal-Bord Konsultattiv, RISEPTIS (Riċerka u Innovazzjoni dwar is-Sigurtà, Privatezza u Fiduċja fis-Soċjetà tal-Informazzjoni). Disponibbli fuq http://www.think-trust.eu/general/news-events/riseptis-report.html Ara wkoll: J. B Horrigan, Broadband Adoption and Use in America, FCC Omnibus Broadband Initiative, Studju ta' Ħidma tal-OBI Serje Nru 1.

4. L-UE għandha qafas legali tal-protezzjoni/privatezza tad-dejta b'saħħtu, li l-prinċipji tiegħu jibqgħu kompletament validi fl-era diġitali. Madankollu, wieħed ma jistax ikun sodisfatt. F'ħafna każijiet, l-ICT tqajjem tħassib ġdid li mhuwiex ittrattat fi ħdan il-qafas eżistenti. Għaldaqstant, hija meħtieġa xi azzjoni biex tiżgura li d-drittijiet individwali, kif stabbilit fil-liġi tal-UE, ikomplu jipprovdu protezzjoni effikaċi f'dan l-ambjent ġdid.

5. Din l-Opinjoni tiddiskuti l-miżuri li jistgħu jiġu promossi jew jiġu adottati mill-Unjoni Ewropea sabiex tiggarantixxi l-privatezza tal-individwi u l-protezzjoni tad-dejta f'dinja globalizzata li se tibqa' mmexxija teknoloġikament. Hija tiddiskuti strumenti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi.

6. Wara li pprovdiet ħarsa ġenerali tal-ICT bħala żvilupp ġdid li joħloq opportunitajiet iżda wkoll riskji, l-Opinjoni tiddiskuti l-ħtieġa li jiġu integrati, fuq livell prattiku, il-protezzjoni u l-privatezza tad-dejta mill-bidunett ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni ġodda (li jissejjaħ il-prinċipju tal-"Privatezza skont id-Disinn"). Sabiex titheġġeġ il-konformità ma' dan il-prinċipju, l-Opinjoni tiddiskuti l-bżonn li jkun ipprovdut għall-prinċipju tal-"privatezza skont id-disinn" fil-qafas legali tal-protezzjoni tad-dejta b'tal-inqas żewġ modi differenti. L-ewwel, billi dan jiġi inkorporat bħala prinċipju ġenerali u vinkolanti u, it-tieni, billi jiġi inkorporat f'oqsma partikolari tal-ICT, li jippreżentaw riskji speċifiċi ta' protezzjoni/privatezza tad-dejta li jistgħu jitnaqqsu permezz ta' arkitettura u disinn tekniku adegwat. Dawn iż-żoni huma l-Identifikazzjoni tal-Frekwenza tar-Radju (IDFR), l-applikazzjonijiet tan-netwerk soċjali u l-applikazzjonijiet tal-brawżers. Finalment, l-Opinjoni tagħmel suġġerimenti dwar għodod u prinċipji oħrajn li għandhom l-għan li jipproteġu l-privatezza tad-dejta u l-protezzjoni tal-individwi fis-settur tal-ICT.

7. Billi tindirizza dan ta' hawn fuq, l-opinjoni telabora dwar xi wħud mill-punti magħmulin mill-Artikolu 29 tal-Partit ta' Ħidma fil-kontribuzzjoni tiegħu għall-konsultazzjoni pubblika dwar il-futur tal-privatezza [1]. Hija tibni barra minn hekk fuq opinjonijiet preċedenti tal-EDPS, bħall-Opinjoni tal-25 ta' Lulju 2007 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Protezzjoni tad-Dejta, l-Opinjoni tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar ir-RFID u ż-żewġ opinjonijiet tiegħu dwar id-Direttiva tal-ePrivatezza [2].

## II. L-ICT JOFFRU OPPORTUNITAJIET ĠODDA IŻDA JIPPREŻENTAW UKOLL RISKJI ĠODDA

8. L-ICT tqabblu ma' invenzjonijiet importanti oħrajn fil-passat, bħall-elettriku. Filwaqt li jista' jkun kmieni wisq biex jiġi vvalutat il-veru impatt storiku tagħhom, ir-rabta bejn l-ICT u t-tkabbir ekonomiku fil-pajjiżi żviluppati hija ċara. L-ICT ħolqu impjiegi, benefiċċji ekonomiċi u kkontribwew għall-benesseri globali. L-impatt tal-ICT imur lil hinn minn dak purament ekonomiku, minħabba li kellhom rwol importanti f'li tingħata spinta lill-innovazzjoni u l-kreattività.

9. Barra minn hekk, l-ICT ittrasformaw il-mod li bih in-nies jaħdmu, jissoċjalizzaw u jinteraġġixxu. Pereżempju, in-nies qiegħda tibbaża dejjem iktar fuq l-ICT għall-interazzjonijiet soċjali u ekonomiċi. L-individwi jistgħu jagħmlu użu minn firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet ġodda tal-ICT bħall-eHealth, eTransport, eGovernment kif ukoll sistemi interattivi innovattivi għad-divertiment u t-tagħlim.

10. Fid-dawl ta' tali benefiċċji, l-Istituzzjonijiet Ewropej kollha esprimew l-impenn tagħhom biex jappoġġjaw l-ICT bħala għodda meħtieġa għat-titjib tal-kompetittività tal-industrija Ewropea u għall-aċċelerazzjoni tal-irkupru ekonomiku tal-Ewropa. Fil-fatt, f'Awwissu 2009 il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Kompetittività Diġitali tal-Ewropa [3] u nediet konsultazzjoni pubblika dwar strateġiji futuri xierqa biex tingħata spinta lill-ICT. Fis-7 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill ressaq kontribuzzjoni għal din il-konsultazzjoni, intitolata "Strateġija Post i2010 – Lejn soċjetà tal-għarfien miftuħa, ambjentali u kompetittiva" [4]. Il-Parlament

[1] Artikolu 29 tal-Opinjoni tal-Parti ta' Ħidma 168 dwar Il-Futur tal-Privatezza, Kontribuzzjoni Konġunta għall-Konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-qafas legali għad-dritt fundamentali tal-protezzjoni tad-dejta personali, adottat fl-1 ta' Diċembru 2009.

[2] Opinjoni tal-25 ta' Lulju 2007 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar is-segwitu tal-Programm ta' Xogħol għal implimentazzjoni aħjar tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta, ĠU C 255, 27.10.2007, p. 1; Opinjoni tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID) fl-Ewropa: passi lejn qafas politiku (COM(2007) 96), ĠU C 101, 23.4.2008, p. 1; Opinjoni tal-10 ta' April 2008 dwar Proposta għal Direttiva emendatorja, fost oħrajn, is-settur tal-komunikazzjonijiet tad-Direttiva (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi), ĠU C 181, 18.7.2008, p. 1; it-Tieni opinjoni tad-9 ta' Jannar 2009 dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika.

[3] Rapport dwar il-Kompetittività Diġitali tal-Ewropa- Kisbiet ewlenin tal-istrateġija i-2010 2005-2009, (SEC (2009) 1060).

[4] Konklużjonijiet tal-Kunsill "Strateġija Post i-2010- Lejn Soċjetà tal-Għarfien Miftuħa, Ambjentali u Kompetittiva" (17107/09), adottati fit-18.12.2009.

Ewropew għadu kemm adotta rapport maħsub biex jipprovdi gwida lill-Kummissjoni fid-definizzjoni ta' aġenda diġitali ([1]).

11. Bl-opportunitajiet u l-benefiċċji li jakkumpanjaw l-iżvilupp tal-ICT jiġu riskji ġodda, partikolarment għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali tal-individwi. L-ICT sikwit iwasslu għal proliferazzjoni (sikwit b'modi li mhumiex viżibbli għall-individwi) fl-ammont ta' informazzjoni miġbura, magħżula, iffiltrata, trasferita jew inkella miżmuma, u għaldaqstant, ir-riskji għal tali dejta jimmultiplikaw.

12. Pereżempju, iċ-ċipep RFID qegħdin jieħdu post il-barkowds fuq (xi) prodotti tal-konsumatur. Bit-titjib tal-fluss ta' informazzjoni fil-katina tal-provvista (u b'hekk jitnaqqas il-bżonn għal provvisti ta' "sigurtà" u jiġi pprovdut tbassir iktar preċiż, eċċ) is-sistema l-ġdida għandha tkun ta' benefiċċju kemm għall-kummerċ kif ukoll għall-konsumaturi. Madankollu, fl-istess ħin, dan iqajjem il-possibbiltà inkwetanti li wieħed jiġi intraċċat, għal skopijiet differenti u minn entitajiet differenti, permezz ta' pussessi personali tteggjati.

13. Eżempju ieħor huwa "cloud computing", essenzjalment l-għoti ta' servizzi ospitati ta' applikazzjoni tal-konsumatur u mhux tal-konsumatur permezz tal-Internet. Dawn ivarjaw minn libreriji ta' ritratti, kalendarji, webmail u databases tal-konsumatur għal servizzi iktar kumplessi relatati mal-kummerċ. Il-benefiċċji, kemm għan-negozji kif ukoll għall-individwi huma ċari; tnaqqis fl-ispiża (l-ispejjeż huma inkrimentali), mingħajr post (aċċess faċli għall-informazzjoni kullimkien fid-dinja), awtomazzjoni (mingħajr bżonn ta' riżorsi ddedikati tal-IT, u biex is-software jinżamm aġġornat) eċċ. Fl-istess ħin, ir-riskji ta' difetti fis-sistema ta' sigurtà u hacking jeżistu u huma reali ħafna. Hemm ukoll it-tħassib dwar it-telfien tal-aċċess għal u l-kontroll fuq id-dejta personali.

14. Intwera li l-benefiċċji u r-riskji jikkoeżistu f'żoni oħrajn bl-użu tal-applikazzjonijiet tal-ICT. Nieħdu eHealth, li tista' ttejjeb l-effikaċja, tnaqqas l-ispejjeż, iżżid l-aċċessibbiltà u ttejjeb b'mod ġenerali l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa. Madankollu, l-eHealth sikwit tqajjem il-kwistjoni tal-leġittimità tal-użi sekondarji tal-informazzjoni eHealth, li jeħtieġu analiżi bir-reqqa tal-iskopijiet ta' kwalunkwe użu sekondarju potenzjali ([2]). Barra minn hekk, minħabba li r-rekords elettroniċi tas-saħħa saru jintużaw b'mod usa', is-sistemi fihom infushom ġew ippersegwitati minn skandli li urew ħafna każijiet ta' hacking f'rekords elettroniċi dwar is-saħħa.

15. Fil-qosor, xi grad ta' riskju residwu huwa probabbli li jibqa' preżenti, anke wara li jkunu saru l-valutazzjonijiet ix-xierqa u jkunu ġew applikati l-miżuri meħtieġa. Sitwazzjoni ta' riskju żero tkun waħda mhux realistika. Madankollu, kif qiegħed jiġi diskuss hawn taħt, miżuri jistgħu u għandhom jiġu implimentati biex jitnaqqsu tali riskji sa livelli xierqa.

## III. IL-PRIVATEZZA SKONT ID-DISINN BĦALA GĦODDA EWLENIJA GĦALL-ĠENERAZZJONI TAL-FIDUĊJA INDIVIDWALI FL-ICT

16. Il-benefiċċji potenzjali tal-ICT jistgħu jitgawdew biss fil-prattika jekk ikunu kapaċi jiġġeneraw fiduċja, fi kliem ieħor, jekk jistgħu jiżguraw ir-rieda tal-utent li jiddependi fuq l-ICT minħabba l-karatteristiċi u l-benefiċċji tagħhom. Tali fiduċja sejra tiġi ġġenerata biss jekk l-ICT ikunu affidabbli, siguri, taħt il-kontroll tal-individwi u jekk il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza personali tagħhom tkun iggarantita.

17. Riskji u fallimenti komuni bħal dawk deskritti hawn fuq, partikolarment meta jinvolvu l-użu ħażin jew il-ksur tad-dejta personali bil-kxif tal-privatezza tal-individwi, huma probabbli li jipperikolaw il-fiduċja tal-utent fis-soċjetà tal-informazzjoni. Dan jista' jpoġġi f'riksju serju l-iżvilupp tal-ICT u l-benefiċċji li jistgħu jġibu.

18. Madankollu, is-soluzzjoni għal dawn ir-riskji għall-protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta ma tistax tkun li jiġi eliminat, eskluż jew irrifjutat l-użu jew il-promozzjoni tal-ICT. Dan la jkun fattibbli u lanqas realistiku; dan jipprojbixxi lill-individwi milli jgawdu l-benefiċċji tal-ICT u jillimita serjament il-vantaġġi ġenerali li jistgħu jiġu akkwistati.

19. L-EDPS jemmen li soluzzjoni iktar pożittiva hija li tiġi ddisinjata u żviluppata ICT b'mod li tirrispetta l-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. Huwa għalhekk kruċjali li l-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta jkunu inkorporati fi ħdan iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tat-teknoloġija, mill-istadju bikri ħafna tad-disinn, sal-iskjerament aħħari tagħhom, l-użu u r-rimi aħħari. Dan normalment jissejjaħ "privatezza skont id-disinn" (PbD) u huwa diskuss iktar hawn taħt.

20. Il-PbD tista' tinvolvi azzjonijiet differenti, li jiddependu fuq il-każ jew l-applikazzjoni partikolari. Pereżempju, f'xi każijiet tista' tirrikjedi eliminazzjoni/tnaqqis tad-dejta personali jew il-prevenzjoni ta' pproċessar mhux meħtieġ u/jew mhux mixtieq. F'każijiet oħrajn, il-PbD tista' tinvolvi l-offerta ta' għodod biex itejbu l-kontroll tal-individwi fuq

([1]) Rapport dwar id-definizzjoni ta' Aġenda Diġitali għall-Ewropa ġdida: minn i-2010 għal digital.eu (2009/2225 (INI)), adottati fit-18.3.2010.

([2]) Pereżempju, il-bejgħ jew l-użu ta' informazzjoni dwar is-saħħa miġbura għall-iskopijiet li jiġi pprovdut trattament ma jistax jintuża biex jintgħażlu siti għal kliniki satelliti, biex jiġu stabbiliti kanters ambulatorji ta' kirurġija, u f'modi oħrajn li bihom jiġu ppjanati attivitajiet futuri b'implikazzjonijiet finanzjarji, ilkoll jeħtieġu eżaminazzjoni bir-reqqa.

id-dejta personali tagħhom. Tali miżuri għandhom jiġu kkunsidrati meta standards u/jew l-aqwa prattiċi jiġu definiti. Jistgħu jiġu inkorporati wkoll fl-arkitettura tal-informazzjoni u fis-sistemi ta' komunikazzjoni, jew fl-organizzazzjonijiet strutturali tal-entitajiet li jipproċessaw id-dejta personali.

### III.1. **Il-prinċipju tal-privatezza skont id-disinn applikabbli f'ambjenti differenti tal-ict u l-impatt tagħhom**

21. Il-ħtieġa tal-prinċipju tal-PbD jista' jinstab f'ħafna ambjenti differenti tal-ICT. Pereżempju, is-settur tal-kura tas-saħħa qiegħed jiddependi dejjem aktar fuq infrastrutturi tal-ICT li sikwit jinvolvu l-ħażna ċċentralizzata ta' informazzjoni relatata mas-saħħa tal-pazjenti. L-applikazzjoni tal-prinċipju tal-PbD fis-settur tal-kura tas-saħħa jirrikjedi valutazzjoni tal-adegwatezza ta' miżuri differenti bħall-possibbiltà li tiġi mminimizzata dejta maħżuna ċentralment jew tiġi limitata għal indiċi, bl-użu ta' għodod ta' kriptaġġ, l-assenjazzjoni tad-drittijiet tal-aċċess strettament fuq "bażi ta' dak li għandu jsir magħruf", l-anonimità tad-dejta ladarba ma tkunx għadha meħtieġa, eċċ.

22. Bl-istess mod, is-sistemi tat-trasport huma pprovduti dejjem aktar, awtomatikament, b'applikazzjonijiet avvanzati tal-ICT li jinteraġġixxu mal-vettura u l-ambjent tagħha għal skopijiet u funzjonijiet differenti. Pereżempju, il-karozzi huma dejjem aktar mgħammrin b'funzjonalità tal-ICT ġdida (GPS, GSM, netwerk ta' sensers, eċċ.) li tipprovdi mhux biss il-post tagħhom iżda wkoll il-kundizzjonijiet tekniċi tagħhom fil-ħin reali. Din l-informazzjoni tista' tintuża, pereżempju, biex tissostitwixxi s-sistema eżistenti tat-taxxa tat-triq minn ħlas tat-triq li jiddependi fuq l-użu. L-applikazzjoni tal-PbD għad-disinn tal-arkitettura ta' tali sistemi għandha tappoġġja l-ipproċessar u t-trasferiment 'il quddiem ta' kemm jista' jkun ftit dejta possibbli (1). Billi jżommu ma' dan il-prinċipju, l-arkitetturi deċentralizzati jew semideċentralizzati li jillimitaw il-kxif ta' dejta tal-post għal punt ċentrali tkun preferibbli għal dawk ċentralizzati.

23. L-eżempji ta' hawn fuq juru li meta teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni jinbnew skont il-prinċipju tal-PbD, ir-riskji għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta jistgħu jitnaqqsu b'mod sinifikanti.

### III.2. **Skjerament mhux suffiċjenti tal-ICT li japplikaw il-PbD**

24. Mistoqsija importanti hija jekk l-operaturi ekonomiċi, fabbrikanti/fornituri tal-ICT u kontrolluri tad-dejta humiex interessati fil-marketing u fl-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-PbD fl-ICT. F'dan il-kuntest, huwa wkoll importanti li tiġi vvalutata d-domanda tal-utent għall-PbD.

25. Fl-2007, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni li theġġeġ lin-negozji sabiex jużaw il-poter tal-innovazzjoni tagħhom biex joħolqu u jimplementaw PETs bħala mod kif titjieb il-protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta personali sa mill-bidunett taċ-ċiklu tal-iżvilupp (2).

26. Madankollu, sal-lum, l-evidenza disponibbli turi li la l-fabbrikanti tal-ICT u lanqas il-kontrolluri tad-dejta (la fis-settur privat u lanqas fis-settur pubbliku) ma rnexxielhom jimplementaw jew jimmarkitjaw il-PbD b'mod konsistenti. Tressqu motivazzjonijiet differenti, inklużi n-nuqqas ta' inċentivi ekonomiċi jew appoġġ istituzzjonali, domanda insuffiċjenti, eċċ (3).

27. Fl-istess ħin, id-domanda tal-utent għall-PbD kienet kemmxejn baxxa. L-utenti tal-prodotti u servizzi tal-ICT jistgħu ġustament jassumu li l-privatezza u d-dejta personali tagħhom huma protetti *de facto*, meta f'ħafna każijiet, mhumiex. F'xi każijiet, sempliċement mhumiex f'pożizzjoni li jieħdu l-miżuri ta' sigurtà meħtieġa biex jipproteġu d-dejta personali tagħhom stess jew dik tal-oħrajn. F'ħafna istanzi dan iseħħ għaliex huma nieqsin mill-għarfien sħiħ jew anke parzjali tar-riskji. Pereżempju, ġeneralment iż-żgħażagħ jinjoraw ir-riskji tal-privatezza assoċjati mal-wiri tal-informazzjoni personali tagħhom fuq netwerks soċjali u sikwit jinjoraw is-settings tal-privatezza. Utenti oħrajn xorta waħda huma konxji mir-riskji iżda jistgħu ma jkollhomx il-kompetenza teknika meħtieġa biex jimplementaw teknoloġiji ta' salvagwardja, bħal dawk li jipproteġu l-konnessjoni Internet tagħhom jew kif ibiddlu s-settings tal-brawżer biex jiġi mminimizzat l-ipprofilar ibbażat fuq il-monitoraġġ ta' attivitajiet tal-isserfjar fuq l-Internet tagħhom.

28. Madankollu, ir-riskji għall-protezzjoni tal-privatezza u d-dejta personali huma reali ħafna. Jekk il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta mhumiex meħuda inkunsiderazzjoni mill-bidu, huwa sikwit tard wisq u ekonomikament wisq

(1) Ara l-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta tat-22 ta' Lulju 2009 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni biex jiġi varat l-użu ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport fl-Ewropa u l-Proposta li takkumpanjaha għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-qafas biex jiġi varat l-użu ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interfaċċji ma' modi oħra ta' trasport , disponibbli fuq: http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Opinions/2009/09-07-22_Intelligent_Transport_Systems_EN.pdf

(2) Komunikazzjoni tat-2.5.2007. COM(2007) 228 finali mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-protezzjoni tad-dejta permezz ta' teknoloġiji li jtejbu l-privatezza (PET).

(3) Studju dwar il-benefiċċji ekonomiċi tat-teknoloġiji li jtejbu l-privatezza (PET) jls/2008/D4/036.

ta' tagħbija li jissewwew is-sistemi, u tard wisq biex tissewwa l-ħsara li diġà saret. In-numru dejjem jiżdied ta' ksur tad-dejta fis-snin reċenti juri perfettament din il-problema u jsaħħaħ il-ħtieġa għall-privatezza skont id-disinn.

29. Dan ta' hawn fuq jissuġġerixxi b'mod ċar li l-fabbrikanti u l-fornituri tat-teknoloġiji tal-ICT iddisinjati biex jipproċessaw dejta personali kellhom, flimkien mal-kontrolluri tad-dejta, responsabbiltà li jiddisinjawhom b'salvagwardji tal-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza integrati. F'ħafna istanzi dan ifisser li għandhom jiġu ddisinjati bil-privatezza b'settings awtomatiċi.

30. Kontra dan l-isfond, għandna bżonn nikkunsidraw liema passi għandhom jittieħdu minn dawk li jfasslu l-politika għall-promozzjoni tal-PbD fl-iżvilupp tal-ICT. L-ewwel mistoqsija hija jekk il-qafas legali eżistenti tal-protezzjoni tad-dejta fihiex dispożizzjonijiet adegwati biex tkun żgurata l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-PbD kemm mill-kontrolluri tad-dejta kif ukoll mill-fabbrikanti/iżviluppaturi. It-tieni mistoqsija hija x'għandu jsir fil-kuntest tal-Aġenda Diġitali Ewropea biex jiġi żgurat li s-settur tal-ICT jiġġenera l-fiduċja tal-konsumatur.

## IV. **L-INKLUŻJONI TAL-PRINĊIPJU TAL-PRIVATEZZA SKONT ID-DISINN FIL-LIĠIJIET U L-POLITIKA TAL-UE**

### IV.1. **Il-Qafas legali tal-protezzjoni u l-privatezza tad-dejta attwali**

31. L-UE għandha qafas ta' protezzjoni u privatezza robusta tad-dejta stabbilit fid-Direttiva 95/46/KE [1], fid-Direttiva 2002/58/KE [2] u fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem [3] u l-Qorti tal-Ġustizzja.

32. Id-Direttiva dwar il-protezzjoni tad-dejta tapplika "kwalunkwe operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet li jitwettqu skont id-dejta personali" (ġbir, ħżin, żvelar, eċċ.). Hija timponi l-konformità ma' ċerti prinċipji u obbligi fuq dawk li jipproċessaw id-dejta personali ('kontrolluri tad-dejta'). Hija tipproponi drittijiet tal-individwu, bħad-dritt tal-aċċess għal informazzjoni personali. Id-Direttiva dwar l-ePrivacy tittratta speċifikament il-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika [4].

(1) Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (iktar: Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta).

(2) Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (iktar: Direttiva dwar l-ePrivacy).

(3) L-interpretazzjoni tal-elementi ewlenin u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (ECHR) adottat f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, hekk kif japplikaw għal diversi.

(4) It-Trattat ta' Lizbona saħħaħ tali protezzjoni billi rrikonoxxa r-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali bħala drittijiet fundamentali separati fl-Artikolu 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali saret vinkolanti meta t-Trattat ta' Liżbona daħal fis-seħħ.

33. Id-Direttiva attwali dwar il-protezzjoni tad-dejta ma tinkludix rekwiżit speċifiku għall-PbD. Madankollu, hija tinkludi dispożizzjonijiet li indirettament, f'sitwazzjonijiet differenti, jistgħu jirrikjedu l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-PbD. B'mod partikolari, l-Artikolu 17 jirrikjedi li l-kontrolluri tad-dejta jimplementaw miżuri tekniċi u ta' organizzazzjoni xierqa biex jipprevjenu l-ipproċessar illegali ta' dejta [5]. Il-PbD huwa għalhekk kopert b'mod ġeneriku ħafna. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva huma indirizzati prinċipalment lejn il-kontrolluri tad-dejta u lejn l-ipproċessar minnhom ta' informazzjoni personali. Huma ma jirrikjedux espliċitament li t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jkunu konformi mal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta, li jirrikjedi wkoll li jiġu indirizzati d-disinjaturi u l-fabbrikanti tal-ICT, inklużi l-attivitajiet imwettqa fl-istadju tal-istandardizzazzjoni.

34. Id-Direttiva dwar l-ePrivacy hija iktar espliċita. L-Artikolu 14.3 jiddikjara li "Fejn meħtieġa, jistgħu jiġu adottati miżuri biex jiġi żgurat li t-tagħmir terminali jinbena b'mod kompatibbli mad-dritt tal-utenti li jipproteġu u li jikkontrollaw l-użu tad-dejta personali tagħhom, skont id-Direttiva 1999/5/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar l-istandardizzazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjonijiet". Madankollu, din id-dispożizzjoni qatt ma ntużat [6].

35. Filwaqt li l-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq taż-żewġ Direttivi jgħinu fil-*promozzjoni* tal-privatezza skont id-disinn, fil-prattika huma ma kinux biżżejjed biex *jiżguraw* li l-privatezza tkun inkluża fl-ICT.

36. B'riżultat tas-sitwazzjoni ta' hawn fuq, il-liġi ma tirrikjedix b'mod preċiż biżżejjed li l-ICT tkun imfassla skont il-prinċipju tal-PbD. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta ma għandhomx biżżejjed poteri biex jiżguraw l-inklużjoni tal-PbD. Dan jirriżulta f'ineffikaċja. Pereżempju, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta jkunu jistgħu jimponu sanzjonijiet minħabba nuqqas ta' risposta għal talbiet ta' aċċess magħmulin minn individwi u sejrin

(5) L-Artikolu 17 jaqra kif ġej: "L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-kontrollur għandu jimplimenta miżuri tekniċi u ta' organizzazzjoni xierqa biex tiġi protetta d-dejta personali kontra l-qerda aċċidentali jew illegali jew it-telfien aċċidentali u kontra t-tibdil, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat, b'mod partikolari fejn l-ipproċessar jinvolvi t-trażmissjoni ta' dejta permezz ta' netwerk, u kontra kwalunkwe forom illegali ta' pproċessar oħrajn". Premessa 46 tikkomplementaha billi tgħid "Filwaqt li l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-dejta rigward l-ipproċessar tad-dejta personali tirrikjedi li jittieħdu miżuri tekniċi u ta' organizzazzjoni xierqa, it-tnejn fiż-żmien tad-disinn tas-sistema tal-ipproċessar u fiż-żmien tal-ipproċessar fih innifsu, b'mod partikolari sabiex tinżamm sigurtà u b'hekk jiġi evitat kwalunkwe pproċessar mhux awtorizzat".

(6) Il-Kummissjoni ħabbret pjanijiet biex taġġorna d-Direttiva 1999/5/KE lejn l-aħħar tal-2010.

ikollhom il-kompetenzi li jeħtieġu l-implimentazzjoni ta' ċerti miżuri biex jipprevjenu l-ipproċessar illegali tad-dejta. Madankollu mhux dejjem ikun ċar biżżejjed jekk il-poteri tagħhom jestendux biex jeħtieġu li s-sistema tkun imfassla b'tali mod li tiffaċilita d-drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta tal-individwi ([1]). Pereżempju, fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet legali eżistenti, mhuwiex ċar jekk jistax ikun meħtieġ li l-arkitettura ta' sistema ta' informazzjoni tkun imfassla b'mod li jiffaċilita r-risposta tal-kumpaniji għal talbiet ta' aċċess magħmulin minn individwi sabiex tali talbiet ikunu jistgħu jiġu mmaniġġjati awtomatikament u iktar malajr. Barra minn hekk, tentattivi sussegwenti biex tiġi mibdula t-teknoloġija ladarba tkun ġiet żviluppata jew użata jistgħu jirriżultaw f'taħlita ta' soluzzjonijiet li ma jaħdmux għal kollox, minbarra li jkunu ekonomikament onerużi.

37. Fl-opinjoni tal-EDPS, li hija l-istess bħal tal-Artikolu 29 tal-Parti ta' Ħidma ([2]), il-qafas legali attwali jħalli spazju għal approvazzjoni iktar espliċita tal-prinċipju tal-PbD.

### IV.2. L-inklużjoni tal-Privatezza skont id-disinn fuq livelli differenti

38. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-EDPS jirrakkomanda li l-Kummissjoni ssegwi erba' mogħdijiet ta' azzjoni:

(a) Tipproponi li tinkludi dispożizzjoni ġenerali fuq il-PbD fil-qafas legali għall-protezzjoni tad-dejta.

(b) Telabora din id-dispożizzjoni ġenerali f'dispożizzjonijiet speċifiċi, meta jkunu proposti strumenti legali speċifiċi f'setturi differenti. Dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi jistgħu, minn issa, jiġu inklużi fi strumenti legali; abbażi tal-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta (u liġijiet eżistenti oħrajn).

(c) Tinkludi l-PbD bħala prinċipju ta' gwida fl-Aġenda Diġitali tal-Ewropa.

(d) Tintroduċi l-PbD bħala prinċipju f'inizjattivi oħrajn tal-UE (prinċipalment mhux leġiżlattivi).

*Dispożizzjoni ġenerali dwar il-PbD*

39. L-EDPS jipproponi li l-prinċipju tal-privatezza skont id-disinn jiġi inkluż b'mod inekwivokabbli u espliċitu fil-qafas regolatorju eżistenti tal-protezzjoni tad-dejta. Dan jagħmel il-prinċipju tal-PbD iktar b'saħħtu, iktar espliċitu, u jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni effettiva tiegħu, flimkien mal-għoti ta' iktar leġittimità lill-awtoritajiet ta' infurzar biex jirrikjedu l-applikazzjoni *de facto* tiegħu fil-prattika. Dan huwa partikolarment neċessarju fid-dawl tal-fatti deskritti hawn fuq, mhux biss l-importanza tal-prinċipju fih innifsu bħala għodda biex trawwem il-fiduċja, iżda wkoll bħala inċentiva għall-partijiet interessati biex jimplementaw il-PbD u jtejbu l-garanziji previsti fil-qafas legali eżistenti.

40. Din il-proposta tibni fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Parti ta' Ħidma li l-prinċipju tal-'privatezza skont id-disinn' jiġi introdott bħala prinċipju ġenerali fil-qafas legali tal-protezzjoni tad-dejta, b'mod partikolari, fid-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta. Skont l-Artikolu 29 tal-Parti ta' Ħidma: "Dan il-prinċipju għandu jkun vinkolanti għad-disinjaturi u l-produtturi tat-teknoloġija kif ukoll għall-kontrolluri tad-dejta li għandhom jiddeċiedu dwar l-akkwist u l-użu tal-ICT. Għandhom ikunu obbligati jqisu l-protezzjoni tad-dejta teknoloġika mill-istadju tal-ippjanar tal-proċeduri u sistemi teknoloġiċi ta' informazzjoni. Fornituri ta' tali sistemi u servizzi kif ukoll il-kontrolluri għandhom juru li ħadu l-miżuri kollha meħtieġa għall-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti".

41. L-EDPS jilqa' wkoll l-approvazzjoni mill-Kummissarju Viviane Reding tal-prinċipju tal-privatezza skont id-disinn magħmul fil-kuntest tat-tħabbir tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta ([3]).

42. Dan iwassal għall-kontenut ta' tali regolament. L-ewwel u l-iktar importanti, prinċipju ġenerali ta' privatezza skont id-disinn għandu jkun teknoloġikament newtrali. Dan il-prinċipju ma għandux ikollu l-intenzjoni li jirregola t-teknoloġija, jiġifieri ma għandux jippreskrivi soluzzjonijiet tekniċi speċifiċi. Minflok, għandu jirrikjedi li prinċipji eżistenti ta' privatezza u ta' protezzjoni tad-dejta jiġu integrati

([1]) Ara r-Rapport tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Informazzjoni tar-Renju Unit intitolat: "Privatezza skont id-Disinn", ippubblikat f'Novembru 2008.

([2]) Ara l-Artikolu 29 tal-Opinjoni 168 tal-Parti ta' Ħidma dwar Il-Futur tal-Privatezza, Kontribuzzjoni konġunta għall-Konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-qafas legali għad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-dejta personali, adottata fl-1 ta' Diċembru 2009.

([3]) "Il-Privatezza skont id-disinn" huwa prinċipju li huwa fl-interess kemm taċ-ċittadini kif ukoll tan-negozji. Il-privatezza skont id-disinn sejra twassal għal protezzjoni aħjar tal-individwi, kif ukoll għall-fiduċja u l-kunfidenza f'servizzi u prodotti ġodda, li min-naħa tagħhom, sejrin ikollhom impatt pożittiv fuq l-ekonomija. Hemm xi eżempji inkoraġġanti iżda hemm ħafna iktar x'isir. Diskors Ewlieni fil-Jum għall-Protezzjoni tad-Dejta tat-28 ta' Jannar 2010, il-Parlament Ewropew, Brussell.

f'sistemi u soluzzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni. Dan jippermetti lill-partijiet interessati, fabbrikanti, kontrolluri tad-dejta u DPAs, biex jinterpretaw it-tifsira tal-prinċipju f'kull każ individwali. It-tieni nett, il-konformità mal-prinċipju għandha tkun obbligatorja fi stadji differenti, mill-ħolqien ta' standards u d-disinn tal-arkitettura sal-implimentazzjoni tagħhom mill-kontrollur tad-dejta.

*Dispożizzjonijiet fi strumenti legali speċifiċi*

43. L-istrumenti leġiżlattivi attwali u li għad iridu jinħolqu għandhom jintegraw il-prinċipju tal-PbD fuq il-bażi tal-qafas legali attwali, u, wara l-adozzjoni tad-dispożizzjoni ġenerali proposta hawn fuq, fuq il-bażi tad-dispożizzjoni tal-aħħar. Pereżempju, skont l-inizjattivi attwali relatati ma' sistemi intelliġenti ta' trasport, il-Kummissjoni sejra jkollha responsabbiltà inizjali speċifika fid-definizzjoni tal-miżuri, inizjattivi ta' standardizzazzjoni, proċeduri u l-aqwa prattiċi. Fit-twettiq ta' dawn il-kompiti, il-PbD għandu jkun prinċipju ta' gwida.

44. L-EDPS jinnota wkoll li l-prinċipju tal-privatezza skont id-disinn huwa wkoll ta' importanza speċifika fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, b'mod partikolari rigward il-miri tal-Istrateġija ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni, kif previst fil-Programm ta' Stokkolma [1]. F'din l-opinjoni relatata mal-Programm ta' Stokkolma, l-EDPS enfasizza li l-arkitettura għall-iskambju ta' informazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-"privatezza skont id-disinn" [2]: "Dan ifisser, b'mod iktar konkret, li sistemi ta' informazzjoni li huma ddisinjati għal skopijiet ta' sigurtà pubblika għandhom dejjem jinbnew skont il-prinċipju tal-'privatezza skont id-disinn'".

45. L-Opinjoni tal-Artikolu 29 tal-Parti ta' Ħidma dwar il-futur tal-privatezza [3] tinsisti dwar termini saħansitra iktar preċiżi li fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja – fejn l-awtoritajiet pubbliċi huma l-atturi ewlenin u fejn miżuri għaż-żieda diretta tas-sorveljanza ikollhom impatt fuq id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta – ir-rekwiżiti ta' privatezza skont id-disinn għandhom isiru obbligatorji. Bl-introduzzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti fis-sistemi ta' informazzjoni, il-gvernijiet jagħmlu wkoll simulazzjoni tal-privatezza skont id-disinn fil-kapaċitajiet tagħhom bħala klijenti tat-tnedija.

*Il-PbD bħala prinċipju ta' gwida fl-Aġenda Diġitali tal-Ewropa*

46. It-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni qegħdin kulma jmur isiru iktar kumplessi u jinvolvu riskji ikbar għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. Ġeneralment, informazzjoni ddiġitizzata, li hija aċċessibbli, ikkuppjata u trażmessa iktar faċilment hija esposta għal riskji ħafna ogħla minn informazzjoni fuq karta. Aħna u resqin lejn netwerks ta' oġġetti interkonnessi, ir-riskji sejrin jiżdiedu. Iktar kemm ir-riskji għall-protezzjoni tal-privatezza/dejta huma kbar, ikbar se tkun id-domanda għal salvagwardji mtejbin. Għaldaqstant, il-ġustifikazzjonijiet għall-ħtieġa li jiġi implimentat PbD huma iktar attraenti fis-settur tal-ICT. Barra minn hekk, kif diskuss hawn fuq, il-fiduċja tal-individwi fl-ICT hija fundamentali jekk iċ-ċittadini għandhom jilqgħu dawn is-servizzi ġodda, u l-protezzjoni tal-privatezza u d-dejta huma elementi ewlenin ta' tali fiduċja.

47. Dan ta' hawn fuq jenfasizza li strateġija għall-iżvilupp tal-ICT għandha tikkonferma l-ħtieġa li dawn jiġu ddisinjati b'element inerenti ta' protezzjoni tal-privatezza u d-dejta, jiġifieri bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipju tal-privatezza skont id-disinn.

48. Għalhekk, l-Aġenda Diġitali Ewropea għandha tapprova espliċitament il-prinċipju tal-privatezza skont id-disinn bħala element neċessarju sabiex jiżgura l-fiduċja taċ-ċittadini fl-ICT u s-servizzi online. Għandha tirrikonoxxi li l-privatezza u l-fiduċja jmorru id f'id, u li l-privatezza skont id-disinn għandha tkun fattur ta' gwida fl-iżvilupp affidabbli tas-settur tal-ICT.

*Il-PbD bħala prinċipju f'inizjattivi oħrajn tal-UE*

49. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-privatezza skont id-disinn bħala prinċipju ta' gwida fl-implimentazzjoni ta' politiki, attivitajiet u inizjattivi f'setturi speċifiċi tal-ICT, inklużi l-eHealth, eProcurement, Esocial Security, eLearning, eċċ. Ħafna minn dawn l-inizjattivi sejrin ikunu oġġetti ta' azzjoni fl-Aġenda Diġitali Ewropea.

50. Dan ifisser, pereżempju, li l-inizjattivi li jiżguraw l-applikazzjonijiet tal-gvern huma iktar effiċjenti u moderni sabiex l-individwi jkunu jistgħu jinteraġġixxu mal-amministrazzjonijiet, għandhom jinkludu l-ħtieġa li jiġu ddisinjati u operati skont il-prinċipju tal-privatezza skont id-disinn. L-istess japplika għall-politiki u l-attivitajiet tal-Kummissjoni li jipprovdu għal Internet, kontenut diġitali iktar mgħaġġel, jew li jipprovdu għal inkoraġġament globali tal-komunikazzjonijiet fissi jew mingħajr wajers u t-trażmissjoni tad-dejta.

[1] Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sigura u l-protezzjoni taċ-ċittadin, approvat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2009.
[2] Opinjoni tal-10 ta' Lulju 2009 dwar il-Kumunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ta' servizz għaċ-ċittadini, ĠU C 276, 17.11.2009, p. 8, parti 60.
[3] Opinjoni 168 tal-Artikolu 29 tal-Parti ta' Ħidma dwar Il-Futur tal-Privatezza, Kontribuzzjoni konġunta għall-Konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-qafas legali għad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-dejta personali, adottata fl-1 ta' Diċembru 2009.

51. Dan ta' hawn fuq jinkludi wkoll oqsma fejn il-Kummissjoni hija responsabbli għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, bħal SIS u VIS, kif ukoll għal dawk il-każijiet li permezz tagħhom, ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni hija limitata għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-infrastruttura komuni ta' tali sistema, bħas-Sistema ta' Informazzjoni tar-Rekords Kriminali Ewropej (ECRIS).

52. Kif eżatt sejjer ikun żviluppat il-prinċipju tal-PbD sejjer jiddependi fuq kull settur u sitwazzjoni partikolari. Pereżempju, meta l-inizjattivi tal-Kummissjoni jkunu akkumpanjati minn proposti leġiżlattivi dwar settur speċifiku tal-ICT, f'ħafna każijiet sejjer ikun xieraq li tiġi inkluża referenza espliċita għall-idea tal-PbD applikabbli għad-disinn tal-applikazzjoni/sistema partikolari tal-ICT. Jekk ikunu mfasslin pjanijiet ta' azzjoni għal żona speċifika, dawn għandhom jiżguraw sistematikament l-applikazzjoni tal-qafas legali u iktar speċifikament jiggarantixxu li t-teknoloġija rilevanti tal-ICT tinbena b'kunsiderazzjoni għall-privatezza tad-disinn.

53. F'dak li jirrigwarda r-riċerka, is-Seba' Programm ta' Qafas u s-sussegwenti għandhom jintużaw bħala għodda għall-appoġġ ta' proġetti li jimmiraw li janalizzaw l-istandards, it-teknoloġiji tal-ICT u l-arkitettura li jservu aħjar il-privatezza u iktar partikolarment il-prinċipju tal-privatezza skont id-disinn. Barra minn hekk, il-PbD għandu wkoll ikun element neċessarju x'jiġi kkunsidrat fi proġetti usa' tal-ICT li jimmiraw li jipproċessaw id-dejta personali tal-individwi.

*Oqsma ta' tħassib speċifiku*

54. F'xi każijiet, minħabba r-riskji partikolari għall-privatezza tal-individwi u għall-protezzjoni tad-dejta jew minħabba fatturi oħrajn (reżistenza mill-industrija li tipprovdi prodotti b'PbD, domanda tal-konsumatur, eċċ) jista' jkun meħtieġ li jiġu ddefiniti miżuri ta' privatezza skont id-disinn iktar espliċiti u speċifiċi li għandhom jiġu inkorporati f'tip partikolari ta' prodott/teknoloġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni, kemm fi strumenti leġiżlattivi kif ukoll jekk le.

55. L-EDPS identifika oqsma varji (RFID, netwerking soċjali u applikazzjonijiet għall-brawżers) li jisthoqqilhom, fl-opinjoni tiegħu, f'dan l-istadju kunsiderazzjoni bir-reqqa mill-Kummissjoni u l-intervent iktar prattiku ssuġġerit hawn fuq. Dawn it-tliet oqsma huma diskussi iktar 'l isfel.

## V. IDENTIFIKAZZJONI BIL-FREKWENZA TAR-RADJU – RFID

56. It-tags tar-RFID jistgħu jiġu integrati f'oġġetti, annimali u nies. Jistgħu jintużaw biex tinġabar u tinħażen dejta personali bħal rekords mediċi, biex tiġi ntraċċata l-imġiba tan-nies jew biex jinħoloq profil tal-imġiba tagħhom għal skopijiet differenti. Dan jista' jsir mingħajr ma l-individwu jkun konxju minnhom ([1]).

57. Garanziji effettivi li jirrigwardaw il-protezzjoni tad-dejta, il-privatezza u d-dimensjonijiet etiċi assoċjati kollha huma kruċjali għall-fiduċja pubblika fir-RFID u l-Internet tal-Oġġetti futur. Hemm biss tista' t-teknoloġija tagħti l-benefiċċji numerużi ekonomiċi u soċjali.

### V.1. **Il-vojt tal-qafas legali tal-protezzjoni tad-dejta applikabbli**

58. Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta u d-Direttiva dwar l-ePrivacy japplikaw għall-ġbir ta' dejta mwettaq permezz ta' applikazzjonijiet RFID ([2]). Huma jirrikjedu, fost oħrajn, li jiġu stabbiliti salvagwardji tal-privatezza adegwati biex joperaw applikazzjonijiet tar-RFID ([3]).

59. Madankollu, dan il-qafas legali ma jindirizzax b'mod sħiħ it-tħassib kollu dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-dejta mqajjem minn din it-teknoloġija. Dan għaliex id-Direttivi mhumiex dettaljati biżżejjed rigward dawn it-tipi ta' salvagwardji li għandhom jiġu implimentati f'applikazzjonijiet RFID. Ir-regoli eżistenti jeħtieġu jiġu kkomplimentati b'uħud addizzjonali li jimponu salvagwardji speċifiċi, li

([1]) RFID jiġifieri Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju. Il-komponenti ewlenin tat-teknoloġija *jew* l-infrastruttura bl-identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju huma *tag* (jiġifieri mikroċippa), qarrej u applikazzjoni marbutin mat-tikketti u l-qarreja permezz tal-middlware u l-ipproċessar tad-dejta maħluqa. It-tag tikkonsisti minn ċirkwit elettroniku li jaħżen id-dejta u antenna li tikkomunika d-dejta permezz tar-raġġi tar-radju. Il-qarrej għandu antenna u demodulatur li jittraduċi l-informazzjoni analoga dieħla mil-link tar-radju f'dejta diġitali. L-informazzjoni tista' mbagħad tintbagħat minn netwerks għal databases u servers sabiex tiġi pproċessata minn kompjuter.

([2]) Id-Direttiva dwar l-ePrivacy tirreferi għar-RFID f'Artikolu 3 "Din id-Direttiva għandha tgħodd għall-ipproċessar ta' data personali konnessa mal-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament f'networks ta' komunikazzjoni pubblika fil-Komunità, inklużi networks pubbliċi ta' komunikazzjoni li jappoġġjaw il-ġbir tad-dejta u l-aġġeġġi ta' identifikazzjoni" Dan huwa kkumplimentat mill-Premessa 56) "Il-progress teknoloġiku jippermetti l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ġodda bbażati fuq aġġeġġi għal ġbir u identifikazzjoni ta' dejta, li jistgħu jkunu aġġeġġi mingħajr kuntatt li jużaw frekwenzi tar-radju. Pereżempju, Aġġeġġi għall-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID) jużaw frekwenzi tar-radju biex jaqbdu dejta minn tags identifikati b'mod uniku li jistgħu jiġu ttrasferiti minn netwerks ta' komunikazzjoni eżistenti. Dan l-użu komuni ta' tali teknoloġiji jista' jġib benefiċċju ekonomiku u soċjali konsiderevoli u għalhekk jagħmel kontribuzzjoni qawwija lis-suq intern, jekk l-użu tagħhom huwa aċċettabbli miċ-ċittadini. Sabiex jinkiseb dan l-għan, huwa neċessarju li jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali tal-individwi, inkluż id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta, jiġu ssalvagwardjati. Meta tali aġġeġġi huma mqabbdin ma' netwerks ta' komunikazzjoni elettroniċi disponibbli pubblikament jew jagħmlu użu minn servizzi ta' komunikazzjoni elettronika bħala infrastruttura bażika, id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2002/58/KE (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi), inklużi dawk dwar sigurtà, traffiku u lokazzjoni tad-dejta u dwar kunfidenzjalità, għandhom japplikaw".

([3]) Pereżempju, l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tad-dejta jimponi obbligu li jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex jipproteġu d-dejta personali kontra l-qerda aċċidentali jew illegali jew l-iżvelar mhux awtorizzat.

b'mod partikolari jagħmluha obbligatorja li jiġu inklużi soluzzjonijiet tekniċi (privatezza skont id-disinn) fit-teknoloġija tar-RFID. Dan huwa minnu għat-tags li jaħżnu informazzjoni personali, li għandu jkollhom kmandi ta' tħassir u l-użu tal-kriptografija f'tags li jaħżnu ċertu tip ta' informazzjoni personali.

### V.2. **L-awtoregolament bħala l-ewwel pass**

60. F'Marzu 2007, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni ([1]) li tirrikonoxxi, fost affarijiet oħrajn, il-ħtieġa għal gwida dettaljata dwar l-implimentazzjoni prattika tar-RFID u x-xewqa għal adottar ta' kriterji ta' disinn biex jiġu evitati riskji għall-privatezza u s-sigurtà.

61. Sabiex tikseb dawn l-għanijiet, f'Mejju 2009, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta f'applikazzjonijiet tar-RFID ([2]). F'applikazzjonijiet bl-imnut tar-RFID, dan jeħtieġ diżattivar tat-tikketta fil-punt tal-bejgħ sakemm l-individwi ma jkunux taw il-kunsens tagħhom. Dan japplika wkoll sakemm valuzzjoni tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta ma turix li t-tikketti ma jirrappreżentawx theddida probabbli għall-privatezza jew għall-protezzjoni tad-dejta personali, li f'dak il-każ huma jibqgħu operattivi wara l-punt tal-bejgħ sakemm l-individwi ma jeskludux irwieħhom minnha, mingħajr ħlas.

62. L-EDPS jaqbel mal-approċċ tal-Kummissjoni għal użu ta' strumenti awtoregolatorji. Madankollu, kif deskritt hawn isfel, huwa konċepibbli li l-awtoregolazzjoni mhix sejra tagħti r-riżultati mistennija; għaldaqstant huwa jistieden lill-Kummissjoni sabiex tkun lesta tadotta miżuri alternattivi.

### V.3. **Żoni ta' tħassib u miżuri addizzjonali possibbli jekk l-awtoregolazzjoni tfalli**

63. L-EDPS huwa mħasseb li l-organizzazzjonijiet li joperaw l-applikazzjonijiet tar-RFID fis-settur ta' bejgħ bl-imnut jistgħu jinjoraw il-possibbiltà li t-tags tar-RFID jiġu mmonitorati minn partijiet terzi mhux mixtieqa. Tali monitoraġġ jista' jiżvela dejta personali maħżuna fit-tag (jekk applikabbli), iżda jista' wkoll jippermetti li parti terza ssegwi jew tirrikonoxxi persuna maż-żmien billi sempliċiment tuża l-identifikaturi uniċi li fihom tag waħda jew iktar li jġorr l-individwu, f'ambjent li jista' jkun saħansitra barra l-perimetru operattiv tal-applikazzjoni tar-RFID. Barraminhekk, huwa mħasseb li l-operaturi ta' applikazzjonijiet RFID jista' jkollhom it-tentazzjoni li jafdaw fl-eċċezzjoni indebitament, u għalhekk, iħallu t-tikketta operattiva wara l-punt tal-bejgħ.

64. Jekk dan ta' hawn fuq iseħħ, jista' jkun tard wisq li jittaffew ir-riskji għall-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza tal-individwu, li jistgħu jkunu diġà ġew affettwati. Barra minn hekk, minħabba n-natura partikolari tal-awtoregolazzjoni, l-awtoritajiet nazzjonali ta' infurzar jista' jkollhom pożizzjoni iktar dgħajfa meta jirrikjedu li l-organizzazzjonijiet li joperaw applikazzjonijiet RFID japplikaw miżuri speċifiċi ta' privatezza skont id-disinn.

65. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-EDPS jistieden lill-Kummissjoni sabiex tkun lesta tipproponi strumenti leġiżlattivi li jirregolaw il-kwistjonijiet ewlenin tal-użu tar-RFID f'każ li l-implimentazzjoni effettiva tal-qafas legali eżistenti ma tirnexxiex. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ma għandhiex tkun posposta indebitament; il-posponiment ipoġġi lill-individwi f'riskju u jkun ukoll kontroproduttiv għall-industrija minħabba li l-inċertezzi leġiżlattivi huma wisq għoljin u huwa possibbli li l-problemi inerenti jkunu iktar diffiċli u għaljin biex jiġu kkoreġuti.

66. Fi ħdan il-miżuri li jista' jkun hemm bżonn li jiġu posposti, l-EDPS jirrakkomanda li jiġi pprovdut għall-prinċipju ta' inklużjoni fil-punt tal-bejgħ skont liema, it-tikketti RFID kollha mwaħħlin mal-prodotti tal-konsumatur jiġu diżattivati awtomatikament fil-punt tal-bejgħ. Jista' ma jkunx neċessarju jew xieraq li l-Kummissjoni tispeċifika t-teknoloġija konkreta li għandha tintuża. Minflok, il-liġi tal-Unjoni għandha tistabbilixxi l-obbligu legali li jinkiseb kunsens ta' inklużjoni, li jħalli spazju għall-operaturi biex jiddeċiedu l-modi li bihom jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit.

### V.4. **Kwistjonijiet oħrajn x'jiġu kkunsidrati: il-Governanza tal-Internet tal-oġġetti**

67. L-informazzjoni maħluqa minn tikketti RFID – pereżempju, informazzjoni dwar il-prodott – tista' eventwalment tiġi interkonnessa f'infrastruttura ta' netwerk ta' komunikazzjoni globali. Dan jissejjaħ normalment l-'Internet tal-oġġetti'. Il-kwistjonijiet dwar il-protezzjoni/privatezza jitqajmu għaliex oġġetti reali fid-dinja jistgħu jiġu identifikati bit-tags tar-RFID li flimkien mal-informazzjoni dwar il-prodott jistgħu jinkludu dejta personali.

68. Hemm ħafna mistoqsijiet miftuħin dwar min sejjer jimmaniġġja l-ħażna tal-informazzjoni relatata mal-oġġetti b'tag. Kif sejra tkun organizzata? Min sejjer ikollu aċċess għaliha? F'Ġunju 2009, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-Internet tal-Oġġetti ([3]) li identifikat espliċitament il-problemi potenzjali tal-protezzjoni tad-dejta u tal-privatezza ta' dan il-fenomenu.

([1]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-15.3.2007 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID) fl-Ewropa: passi lejn qafas politiku, COM(2007) 96 finali.

([2]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12.5.2009 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta f'applikazzjonijiet appoġġjati mill-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju (C(2009) 3200 finali).

([3]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Internet tal-Oġġetti – Pjan ta' azzjoni għall-Ewropa, 18.6.2009, COM(2009) 278 finali.

69. L-EDPS jogħġbu jenfasizza xi wħud mill-kwistjonijiet imqajmin mill-Komunikazzjoni li, fl-opinjoni tiegħu, jisthoqqilhom attenzjoni bir-reqqa hekk kif l-Internet tal-Oġġetti jiżviluppa. L-ewwel nett, il-bżonn ta' arkitettura deċentralizzata jista' jiffaċilita r-responsabbiltà u l-infurzar tal-qafas legali tal-UE. It-tieni nett, id-dritt tal-individwi li ma jkunux intraċċati għandu jkun ippreservat, safejn huwa l-iktar possibbli. Fi kliem ieħor, għandu jkun hemm każijiet limitati ħafna fejn individwi jiġu ntraċċati permezz ta' tags tal-RFID mingħajr il-kunsens tagħhom. Tali kunsens għandu jkun espliċitu. Dan normalment jissejjaħ is-"silenzju taċ-ċipep" u d-dritt li wieħed jithalla bi kwietu. Finalment, fl-iddisinjar tal-Internet tal-Oġġetti, il-prinċipju tal-privatezza skont id-disinn għandu jkun prinċipju ta' gwida. Pereżempju, dan jirrikjedi li applikazzjonijiet RFID konkreti li għandhom mekkaniżmi integrati li jagħtu kontroll lill-utenti, jkunu ddisinjati b'settings ta' privatezza awtomatika.

70. L-EDPS jistenna li jiġi kkonsultat hekk kif il-Kummissjoni tistabbilixxi l-azzjonijiet previsti fil-Komunikazzjoni, b'mod partikolari l-abbozzar tal-Komunikazzjoni dwar il-privatezza u l-fiduċja fis-soċjetà tal-informazzjoni li tinsab kullimkien.

## VI. NETWERKS SOĊJALI U L-BŻONN GĦAL SETTINGS AWTOMATIĊI TA' PRIVATEZZA

71. In-netwerks soċjali huma t-"togħma tax-xahar". Jidhru li qabżu l-posta elettronika fil-popolarità. Huma jgħaqqdu n-nies ma' oħrajn li għandhom interessi u/jew attivitajiet simili. In-nies jista' jkollhom il-profili tagħhom online u jiskambjaw fajls ta' midja bħal vidjows, ritratti, mużika kif ukoll profili ta' karriera.

72. Iż-żgħażagħ malajr adottaw in-netwerking soċjali u din it-tendenza qiegħda tkompli. L-età medja tal-utenti tal-Internet fl-Ewropa naqset fl-aħħar ftit snin: dawk ta' 9-10 snin issa jikkonnettjaw diversi drabi fil-ġimgħa; dawk ta' 12-14-il sena jikkonnettjaw kuljum, sikwit minn siegħa sa tliet sigħat.

### VI.1. Netwerks soċjali u l-qafas legali applikabbli għall-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza

73. L-iżvilupp ta' netwerks soċjali ippermetta lill-utenti li jtellgħu fuq l-Internet informazzjoni dwarhom infushom u partijiet terzi. Billi għamlu dan, skont Artikolu 29 tal-Partit ta' Ħidma ([1]), l-utenti tal-Internet jaġixxu bħala kontrolluri tad-dejta ex Artikolu 2(d) tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta għad-dejta li jtellgħu ([2]). Madankollu, f'ħafna każijiet tali pproċessar ifalli fi ħdan l-eċċezzjoni tad-dar ex Artikolu 3.2 tad-Direttiva. Fl-istess ħin, servizzi ta' netwerking soċjali huma kkunsidrati bħala kontrolluri tad-dejta safejn jipprovdu l-mezzi għall-ipproċessar tad-dejta tal-utenti u jipprovdu s-servizzi bażiċi kollha relatati mal-ġestjoni tal-utenti (pereżempju reġistrazzjoni u tħassir ta' kontijiet).

74. F'termini legali dan ifisser li l-utenti tal-Internet u s-servizzi ta' netwerking soċjali għandhom responsabbiltà konġunta għall-ipproċessar ta' dejta personali bħala "kontrolluri tad-dejta" fi ħdan it-tifsira ta' Artikolu 2(d) tad-Direttiva, għalkemm fi gradi differenti u b'settijiet differenti ta' obbligi.

75. Kif inhu xieraq, l-utenti għandhom ikunu jafu u jifhmu li billi jipproċessaw l-informazzjoni personali tagħhom u dik ta' oħrajn, huma jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta li tirrikjedi, fost affarijiet oħrajn, il-ksib tal-kunsens infurmat ta' dawk li l-informazzjoni tagħhom tittella' u l-għoti lil dawk ikkonċernati tad-dritt ta' rettifika, oġġett, eċċ. B'mod simili, is-servizzi tan-netwerking soċjali għandhom, fost affarijiet oħrajn, jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jipprevjenu pproċessar mhux awtorizzat, billi jqisu r-riskji rrappreżentati mill-ipproċessar u n-natura tad-dejta. Dan min-naħa tiegħu jfisser li s-servizzi ta' netwerking soċjali għandhom jiżguraw settings awtomatiċi faċli biex jintużaw, inklużi settings li jirristrinġu l-aċċess għall-profil għall-kuntatti stess tal-utent, magħżulin minnu. Is-settings għandhom jirrikjedu l-kunsens fl-affermattiv tal-utent qabel ma kwalunkwe profil isir aċċessibbli għal partijiet terzi, u l-profili b'aċċess ristrett ma għandhomx ikunu jistgħu jiġu skoperti minn magni ta' tiftix interni.

76. Sfortunatament, hemm vojt bejn ir-rekwiżiti legali u l-konformità attwali. Filwaqt li legalment, l-utenti tal-Internet huma kkunsidrati kontrolluri tad-dejta u huma marbutin mill-qafas legali tal-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza tal-UE, fil-verità, sikwit huma mhumiex konxji ta' dan ir-rwol. Ġeneralment għandhom għarfien dgħajjef li qegħdin jipproċessaw dejta personali u li hemm riskji għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta involuti fil-pubblikazzjoni ta' tali informazzjoni. Iż-żgħażagħ b'mod partikolari jtellgħu kontenut fuq l-Internet u jissottovalutaw il-konsegwenzi għalihom infushom u għal oħrajn, pereżempju, fil-kuntest ta' reġistrazzjoni sussegwenti f'istituzzjonijiet edukattivi jew applikazzjonijiet għal xogħol.

([1]) Ara l-Opinjoni ta' Artikolu 29 tal-Parti ta' Ħidma 163, 5/2009 dwar in-netwerking soċjali online, adottata fit-12 ta' Ġunju 2009.

([2]) "Kontrollur" tfisser persuna, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor naturali jew ġuridiku li waħdu jew b'mod konġunt jiddetermina l-iskopijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' dejta personali; fejn l-iskopijiet u l-mezzi ta' pproċessar huma ddeterminati minn liġijiet jew regolamenti nazzjonali jew Komunitarji, il-kontrollur jew il-kriterji speċifiċi għan-nominazzjoni tiegħu jistgħu jkunu maħturin minn liġi nazzjonali jew Komunitarja.

77. Fl-istess ħin, il-fornituri tan-netwerks soċjali sikwit jagħżlu minn qabel settings awtomatiċi bbażati fuq esklużjoni, biex b'hekk jiffaċilitaw l-iżvelar ta' informazzjoni personali. Xi wħud jippermettu li l-profili jkunu disponibbli awtomatikament għal magni ta' tiftix komuni. Dan iqajjem mistqosijiet dwar jekk l-individwi tawx fil-fatt kunsens għall-iżvelar, kif ukoll jekk in-netwerks soċjali kkonformawx mal-Artikolu 17 tad-Direttiva (deskritt hawn fuq) li jeħtieġ li huma jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jipprevjenu l-ipproċessar mhux awtorizzat.

### VI.2. **Riskji ġġenerati minn netwerks soċjali u azzjonijiet issuġġeriti għall-indirizzar tagħhom**

78. Dan ta' hawn fuq jirriżulta f'riskju ogħla ta' privatezza u protezzjoni tad-dejta tal-individwi. Huwa jesponi lill-utenti tal-Internet u lil dawk li d-dejta tagħhom ittellgħet għal vjolazzjonijiet sfaċċati tal-privatezza u protezzjoni tad-dejta tagħhom.

79. Kontra dan l-isfond, il-mistoqsija li l-Kummissjoni għandha tindirizza hija ta' x'għandu u x'jista' jsir biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni. Din l-Opinjoni ma tipprovdix tweġiba komprensiva għall-mistoqsija, iżda minflok tressaq numru ta' suġġerimenti għal iktar kunsiderazzjoni.

*Investiment fl-edukazzjoni tal-utenti tal-Internet*

80. L-ewwel suġġeriment huwa li jkun hemm investiment fl-edukazzjoni tal-utenti. F'dan ir-rigward, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jinvestu f'li jedukaw u jqajmu kuxjenza dwar it-theddid maħluq mill-websajts ta' netwerking soċjali. Pereżempju, id-DG Soċjetà tal-Informazzjoni kien qed imexxi l-Programm għal Internet iktar Sigur, li jimmira li jagħti s-setgħa u li jipproteġi lit-tfal u ż-żgħażagħ permezz ta', pereżempju, attivitajiet ta' tqajjim ta' għarfien [1]. Dan l-aħħar l-istituzzjonijiet tal-UE taw bidu għal kampanja 'Aħseb qabel ma tibgħat" biex iżidu l-għarfien dwar ir-riskji tal-iskambju ta' informazzjoni personali ma' barranin.

81. L-EDPS jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġja dan it-tip ta' attività. Madankollu, il-fornituri tan-netwerks soċjali huma stess għandu jkollhom rwol attiv, minħabba li għandhom responsabbiltà legali u soċjali sabiex jedukaw lill-utenti dwar kif jużaw is-servizzi tagħhom b'mod sigur u faċli għall-privatezza.

82. Kif deskritt hawn fuq, meta tittella' informazzjoni fuq in-netwerks soċjali, l-informazzjoni tista' ssir disponibbli awtomatikament b'numru ta' modi differenti. Pereżempju, l-informazzjoni tista' tkun disponibbli għall-pubbliku inġenerali, inklużi għall-magni ta' tfittxija, li jistgħu jpoġġuh fl-indiċi u b'hekk jipprovdu links diretti għalih. Min-naħa l-oħra, l-informazzjoni tista' tkun limitata għall-"ħbieb magħżulin" jew tista' tinżamm kompletament privata. Ovvjament, il-permessi tal-profil u t-terminoloġija użata jvarjaw minn sit għal sit.

83. Madankollu, kif deskritt hawn fuq, ftit utenti tas-servizzi ta' netwerking soċjali jafu kif jikkontrollaw l-aċċess għall-informazzjoni li jtellgħu, aħseb u ara kif ibiddlu s-settings awtomatiċi tal-privatezza. Is-settings tal-privatezza normalment jibqgħu mhux mibdulin għaliex l-utenti mhumiex konxji tal-implikazzjonijiet ta' li ma jbiddluhomx jew ta' li ma jkunux jafu kif jagħmlu dan. Iktar sikwit milli le għalhekk, li ma jitbiddlux is-settings tal-privatezza ma jfissirx li l-individwi għamlu deċiżjoni informata li jaċċettaw li jiskambjaw l-informazzjoni. F'dan il-kuntest, huwa partikolarment importanti li l-partijiet terzi bħall-muturi ta' riċerka ma jillinkjawx ma' profili individwali, fuq il-presuppost li l-utenti taw kunsens awtomatikament (billi ma jbiddlux is-settings tal-privatezza) sabiex jagħmlu l-informazzjoni disponibbli mingħajr restrizzjonijiet.

84. Filwaqt li l-edukazzjoni tal-utenti tista' tgħin biex tindirizza din is-sitwazzjoni, din mhix sejra taħdem waħedha. Kif irrakkomandat fl-Artikolu 29 tal-Parti ta' Ħidma fl-Opinjoni tagħha dwar in-netwerks soċjali, il-fornituri tan-netwerks soċjali għandhom joffru settings awtomatiċi ta' privatezza faċli għall-privatezza u mingħajr ħlas. Dan jagħmel lill-utenti iktar konxji mill-azzjonijiet tagħhom, u jippermettilhom li jagħmlu għażliet aħjar dwar jekk iridux jiskambjaw informazzjoni u ma' min.

*L-rwol għall-awtoregolazzjoni*

85. Il-Kummissjoni daħlet fi ftehim ma' għoxrin fornitur ta' netwerk soċjali magħruf bħala l-"Prinċipji ta' Netwerking Soċjali Iktar Sigur għall-UE" [2]. L-għan ta' dan il-ftehim huwa li jtejjeb is-sigurtà tal-minuri meta jużaw siti ta' netwerking soċjali fl-Ewropa. Tali prinċipji jinkludu ħafna mir-rekwiżiti dderivati mill-applikazzjoni tal-qafas legali tal-protezzjoni tad-dejta deskritt hawn fuq. Huma jinkludu, pereżempju, ir-rekwiżiti li l-utenti jingħataw setgħa permezz ta' għodod u teknoloġija, biex jiżguraw li huma jistgħu jikkontrollaw l-użu u t-tixrid tal-informazzjoni personali tagħhom.

86. Kmieni f'Jannar 2010, il-Kummissjoni għamlet disponibbli s-sejbiet ta' rapport li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-prinċipji [3]. L-EDPS huwa mħasseb li dan ir-rapport juri li

(1) Informazzjoni dwar tali programm hija disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/information_society/activities/sip/index_en.htm

(2) Il-prinċipji huma disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/information_society/activities/social_networking/docs/sn_principles.pdf

(3) Rapport dwar il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Prinċipji ta' Netwerking Soċjali Iktar Sigur għall-UE, disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/information_society/activities/social_networking/docs/final_report/first_part.pdf

filwaqt li xi passi ttieħdu, ħafna oħrajn ma ttiħdux. Pereżempju, ir-rapport sab problemi rigward il-komunikazzjoni tal-miżuri u l-għodod tas-sigurtà disponibbli fuq is-siti. Sab ukoll li inqas minn nofs il-firmatarji tal-qbil jirrestrinġu l-aċċess għall-profili tal-minuri għall-ħbiebhom biss.

*Il-ħtieġa għal privatezza obbligatorja permezz ta' settings awtomatiċi*

87. F'dan il-kuntest, il-kwistjoni ewlenija hija jekk il-miżuri politiċi addizzjonali humiex neċessarji biex jiżguraw li n-netwerks soċjali jniedu s-servizzi tagħhom bi privatezza permezz ta' settings awtomatiċi. Din il-kwistjoni tqajmet mill-Ex Kummissarju għas-Soċjetà tal-Informazzjoni Viviane Reding, li osservat li leġiżlazzjoni tista' tkun meħtieġa ([1]). Fuq l-istess linji, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddikjara li flimkien mal-awtoregolazzjoni, għandhom jiġu imposti standards ta' protezzjoni minima bil-liġi ([2]).

88. Kif innotat hawn fuq, l-obbligu għall-fornituri ta' netwerks soċjali li jimplimentaw awtomatikament settings ta' privatezza jista' jiġi dedott indirettament mill-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta ([3]) li jobbliga lill-kontrolluri tad-dejta li jieħdu miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa ("it-tnejn fil-waqt tad-disinn tas-sistema ta' pproċessar u fil-waqt tal-ipproċċessar fih innifsu") biex iżommu s-sigurtà u jipprevjenu pproċessar mhux awtorizzat, u jieħdu inkunsiderazzjoni r-riskji rrappreżentati mill-ipproċessar u n-natura tad-dejta.

89. Madankollu, dan l-artikolu huwa wisq ġenerali u huwa nieqes mill-ispeċifiċità, f'dan il-kuntest ukoll. Ma jiddikjarax b'mod ċar x'inhu mfisser minn miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa fil-kuntest tan-netwerks soċjali. Għalhekk, is-sitwazzjoni attwali hija waħda ta' inċertezza legali, li toħloq problemi kemm għar-regolaturi kif ukoll għall-individwi li l-privatezza u d-dejta personali tagħhom mhumiex protetti bis-sħiħ.

90. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-EDPS iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tħejji leġiżlazzjoni li tinkludi, bħala minimu, obbligu predominanti li jirrikjedi settings obbligatorji ta' privatezza, akkoppjati ma' rekwiżiti iktar preċiżi:

(a) li jipprovdu settings li jirrestrinġu l-aċċess għal profili tal-utenti għall-kuntatti magħżulin mill-utent stess. Is-settings għandhom jirrikjedu wkoll il-kunsens fl-affermattiv tal-utent qabel ma kwalunkwe profil ikun aċċessibbli għal partijiet terzi;

(b) li jipprovdu li l-aċċess ristrett għall-profili ma jkunx jista' jiġi skopert minn magni ta' tiftix interni/esterni.

91. Flimkien ma' li jkun ipprovdut għal privatezza obbligatorja b'settings awtomatiċi, tibqa' mistoqsija dwar jekk protezzjoni tad-dejta addizzjonali speċifiċi jew miżuri oħrajn (pereżempju, rigward il-protezzjoni tal-minuri) jistgħux ikunu xierqa wkoll. Dan iqajjem il-kwistjoni iktar wiesgħa dwar jekk ikunx xieraq li jinħoloq qafas speċifiku għal dawn it-tip ta' servizzi li, flimkien ma' li jipprovdu għal settings obbligatorji ta' privatezza, jirregolaw aspetti oħrajn. L-EDPS jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu inkunsiderazzjoni din il-kwistjoni.

## VII. SETTINGS AWTOMATIĊI TA' PRIVATEZZA GĦALL-BRAWŻERS BIEX JIĠI GGARANTIT IL-KUNSENS INFORMAT LI JIĠU RIĊEVUTI REKLAMI

92. Il-fornituri tan-netwerks ta' reklami jużaw il-cookies u apparat ieħor biex jissorveljaw l-imġiba tal-utenti individwali meta jisserfjaw l-Internet sabiex jikkatalogaw l-interessi tagħhom u jibnu profili. Wara, din l-informazzjoni tintuża biex jintbagħtulhom reklami mmirati ([4]).

### VII.1. L-isfidi li jifdal u r-riskji taħt il-qafas legali attwali ta' protezzjoni tad-dejta/privatezza

93. Dan l-ipproċessar huwa kopert mid-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta (meta tkun ikkonċernata d-dejta personali) u wkoll minn Artikolu 5.3 tad-Direttiva dwar l-ePrivacy. Dan l-Artikolu jirrikjedi speċifikament li l-utent ikun infurmat u mogħti l-opportunità li jirreaġixxi billi jagħti kunsens għal jew jirrifjuta l-ħżin ta' apparat bħal cookies eċċ fuq il-kompjuter tiegħu jew apparat ieħor ([5]).

94. Sa issa, il-fornituri tan-netwerks ta' reklami ddipendew fuq is-settings tal-brawżers u l-politiki ta' privatezza biex jinfurmaw lill-utenti u jippermettulhom jagħtu kunsens

([1]) Viviane Reding, Membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għas-Soċjetà tal-Informazzjoni u l-Midja Aħseb qabel ma tibgħat! Kif tagħmel siti ta' netwerking soċjali iktar siguri għat-tfal u ż-żgħażagħ? Jum għal Internet Iktar Sigur, Strasburgu, 9 ta' Frar 2010.

([2]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Impatt tas-siti ta' network soċjali fuq iċ-ċittadini/konsumaturi, 4 ta' Novembru 2009.

([3]) Estiż ukoll f'punt 33 ta' dan id-dokument.

([4]) Il-cookies tat-traċċar huma fajls żgħar ta' test li fihom identifikatur uniku. Tipikament, il-fornituri tan-netwerks ta' reklami (kif ukoll operaturi jew pubblikaturi ta' websajts) ipoġġu l-cookies fuq il-hard disk tal-viżitatur, b'mod partikolari fuq il-brawżer tal-utenti tal-Internet, meta l-utenti l-ewwel jaċċedu websajts li jservu reklami li huma parti min-netwerk tagħhom. Il-cookie sejra tippermetti lill-fornitur tan-netwerk ta' reklami li jirrikonoxxi ex viżitatur li jirritorna għal dik il-websajt jew iżur kwalunkwe websajt li hija msieħba għan-netwerk ta' reklami. Tali żjarat ripetuti sejrin jippermettu lill-fornitur tan-netwerk ta' reklami li jibni profil tal-viżitatur.

([5]) Artikolu 5(3) tad-Direttiva ePrivacy kien riċentement emendat biex jirrinforza l-protezzjoni kontra l-interċettazzjoni tal-komunikazzjonijiet tal-utenti permezz tal-użu ta' – per eżempju – spyware jew cookies maħżuna f'kompjuter ta' utent jew apparat ieħor. Taħt id-Direttiva l-ġdida l-utenti għandhom jiġu offerti informazzjoni aħjar u modi iktar faċli biex jikkontrollaw jekk iridux cookies maħżuna fl-apparat terminali tagħhom.

għal jew jirrifjutaw il-cookies. Huma spjegaw fil-politiki dwar il-privatezza tal-pubblikaturi kif ikun hemm esklużjoni kompleta milli jiġu riċevuti l-cookies jew kif dawn jiġu aċċettati fuq il-bażi ta' każ b'każ. Billi għamlu dan, kellhom l-intenzjoni li jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li joffru lill-utenti d-dritt li jirrifjutaw il-cookies.

95. Filwaqt li teorikament dan il-metodu (permezz tal-brawżer) jista' fil-fatt jipprovdi, b'mod effikaċi, kunsens infurmat sinifikanti, ir-realtà hija differenti ħafna. Inġenerali, l-utenti ma għandhomx il-fehim bażiku tal-ġbir ta' kwalunkwe dejta, ħafna inqas mill-partijiet terzi, tal-valur ta' tali dejta, l-użu tagħha, kif taħdem it-teknoloġija u b'mod iktar partikolari kif u fejn ikun hemm esklużjoni. Il-passi li l-utenti għandhom jieħdu biex jagħżlu li ma jipparteċipawx jidhru mhux biss ikkumplikati iżda wkoll eċċessivi (l-ewwel għandhom jissettjaw il-brawżer tagħhom biex jaċċetta l-cookies, imbagħad jeżerċitaw l-opzjoni ta' esklużjoni).

96. Bħala riżultat, fil-prattika ftit nies jeżerċitaw din l-opzjoni ta' esklużjoni, mhux għaliex għamlu informazzjoni infurmata biex jaċċettaw ir-reklam ta' mġiba, iżda pjuttost għaliex ma jirrealizzawx li billi ma jużawx l-esklużjoni, qegħdin fil-fatt jaċċettaw.

97. Għaldaqstant, filwaqt li legalment, l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar l-ePrivacy jipprovdi għal protezzjoni legali effettiva, fil-prattika, l-utenti tal-Internet huma kkunsidrati li jagħtu kunsens li jiġu ssorveljati għall-iskopijiet li jintbagħtu reklami ta' mġiba meta fil-fatt, f'ħafna, jekk mhux fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, huma kompletament mhux konxji li l-monitoraġġ iseħħ.

98. Il-Parti ta' Ħidma ta' Artikolu 29 qiegħda tipprepara opinjoni li timmira li tiċċara r-rekwiżiti legali biex timpenja ruħha f'reklamar ta' mġiba, li huwa milqugħ. Madankollu, l-interpretazzjoni ma tistax, fiha nnifisha, tkun biżżejjed biex issolvi din is-sitwazzjoni u jista' jkun hemm bżonn li l-Unjoni Ewropea tieħu azzjonijiet addizzjonali.

### VII.2. Il-bżonn għal iktar azzjoni, b'mod partikolari li jkun ipprovdut għal settings obbligatorji ta' privatezza awtomatika

99. Kif deskritt hawn fuq, il-web brawżers b'mod komuni jippermettu livell ta' kontroll fuq ċerti tipi ta' cookies. Attwalment, is-settings awtomatiċi tal-biċċa l-kbira tal-web brawżers qegħdin jaċċettaw il-cookies. Fi kliem ieħor, awtomatikament, il-brawżers jitniedu biex jaċċettaw il-cookies kollha, indipendentament mill-iskop tal-cookie. Huwa biss jekk l-utent ibiddel is-settings tal-applikazzjoni tal-brawżer tiegħu biex jiċħad il-cookies, li kif deskritt hawn fuq, ftit utenti jagħmlu, huwa ma jirċevix cookies. Barra minn hekk, mhemmx wizard tal-privatezza mal-ewwel installazzjoni jew aġġornament tal-applikazzjonijiet tal-brawżer.

100. Mod kif tittaffa l-problema ta' hawn fuq tkun jekk il-brawżers jiġu pprovduti b'settings awtomatiċi ta' privatezza. Fi kliem ieħor, jekk jiġu pprovduti bis-setting li 'ma jaċċettawx cookies ta' parti terza'. Biex jikkumplementa dan u jagħmlu iktar effettiv, il-brawżers għandhom jirrikjedu lill-utenti li jgħaddu minn wizard tal-privatezza meta l-ewwel jinstallaw jew jaġġornaw il-brawżer. M'hemmx bżonn ta' iktar granularità u informazzjoni ċara dwar it-tip ta' cookies u l-utilità ta' xi whud minnhom. L-utenti li jridu li jiġu ssorveljati għall-iskopijiet li jirċievu reklami jiġu infurmati debitament u jkollhom bżonn ibiddlu s-settings tal-brawżer. Dan jagħtihom kontroll imtejjeb fuq id-dejta personali u l-privatezza tagħhom. Dan ikun, fl-opinjoni tal-EDPS, mod effettiv biex jiġi rrispettat u ppreservat il-kontenut tal-utenti [1].

101. Bit-teħid inkunsiderazzjoni, minn naħa, tan-natura komuni tal-problema, fi kliem ieħor, in-numru tal-utenti tal-Internet li bħalissa qegħdin jiġu ssorveljati fuq il-bażi ta' kunsens illużorju u, min-naħa l-oħra, l-iskala ta' interess involut, il-ħtieġa għal salvagwardji addizzjonali jsir iktar akut. L-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-PbD f'applikazzjonijiet tal-web brawżers jistgħu jagħmlu differenza drammatika lejn l-għoti tal-kontroll lill-individwi fuq il-prattiki tal-ġbir tad-dejta użati għal skopijiet ta' reklamar.

102. Għal dawn ir-raġunijiet, l-EDPS iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra miżuri leġiżlattivi li jirrikjedu privatezza obbligatorja b'settings awtomatiċi fi brawżers u l-għoti ta' informazzjoni rilevanti.

## VIII. PRINĊIPJI OĦRAJN LI JIMMIRAW LI JIPPROTEĠU L-PRIVATEZZA/PROTEZZJONI TAD-DEJTA TAL-INDIVIDWI

103. Filwaqt li l-prinċipju tal-PbD għandu potenzjal kbir li jtejjeb il-protezzjoni tad-dejta personali u l-privatezza tal-individwi, id-disinn u implimentazzjoni fil-liġi ta' prinċipji komplImentari biex jiżguraw il-fiduċja tal-konsumatur fl-ICT huma neċessarji. Kontra dan l-isfond, l-EDPS jindirizza l-prinċipju tar-responsabbiltà u t-tlestija ta' qafas obbligatorju ta' ksur tas-sigurtà applikabbli fost is-setturi.

### VIII.1. Il-prinċipju ta' responsabbiltà biex jiżgura l-konformità mal-prinċipju tal-privatezza skont id-disinn

104. L-Artikolu 29 tal-istudju tal-Parti ta' Ħidma intitolat "Il-Futur tal-Privatezza" [2] irrakkomanda l-inklużjoni tal-prinċipju ta' responsabbiltà fid-Direttiva dwar il-Protezzjoni

[1] Fl-istess ħin, l-EDPS huwa konxju li dan ma jsolvix il-problema għal kollox minħabba li hemm cookies li ma jistgħux jiġu kkontrollati permezz tal-brawżer, bħal fil-każ tal-hekk imsejħin flash cookies. Għal dan, ikun neċessarju għall-iżviluppaturi tal-brawżers li jintegraw kontrolli flash awtomatiċi fil-kontrolli tagħhom tal-cookies fil-ħruġ ta' brawżers ġodda.

[2] Opinjoni 168 tal-Artikolu 29 tal-Parti ta' Ħidma dwar Il-Futur tal-Privatezza, Kontribuzzjoni konġunta għall-Konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-qafas legali għad-dritt fundamentali għall-protezzjoni ta' dejta personali, adottata fl-1 ta' Diċembru 2009.

tad-Dejta. Dan il-prinċipju, li huwa rrikonoxxut f'xi strumenti multinazzjonali ta' protezzjoni tad-dejta ([1]), jeħtieġ lill-organizzazzjonijiet li jimplimentaw proċessi biex jikkonformaw mal-liġi u jniedu metodi ta' valutazzjoni u turija tal-konformità mal-liġi u strumenti vinkolattivi oħrajn.

105. L-EDPS jappoġġja bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Parti ta' Ħidma. Hu jikkunsidra li dan il-prinċipju sejjer ikun rilevanti ħafna biex irawwem l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipji u l-obbligi tal-protezzjoni tad-dejta. Ir-responsabbiltà sejra teħtieġ li l-kontrolluri tad-dejta juru li daħħlu fis-seħħ il-mekkaniżmu neċessarju għall-konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli ta' protezzjoni tad-detja. Huwa probabbli li dan jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-privatezza skont id-disinn fit-teknoloġiji tal-ICT bħala element partikolarment xieraq ħafna sabiex tintwera r-responsabbiltà.

106. Sabiex ikejlu u juru r-responsabbiltà, il-kontrolluri tad-dejta jistgħu jużaw proċeduri interni u l-partijiet terzi jistgħu jwettqu verifiki jew tipi oħrajn ta' ċċekkjar jew verifiki, li bħala riżultat, jistgħu jippremjaw siġilli jew premjijiet. F'dan il-kuntest, l-EDPS iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra jekk, flimkien ma' prinċipju ta' responsabbiltà ġenerali, ikunx ta' għajnuna li jiġu rikjesti bil-liġi miżuri speċifiċi ta' responsabbiltà bħall-bżonn li jiġu pprovduti valutazzjonijiet dwar l-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta u taħt liema ċirkostanzi.

### VIII.2. **Ksur tas-sigurtà: it-tlestija tal-qafas legali**

107. L-emendi tas-sena l-oħra għad-Direttiva dwar l-ePrivacy introduċew rekwiżit sabiex jiġi nnotifikat ksur tad-dejta lill-individwi affettwati u lill-awtoritajiet rilevanti wkoll. Il-ksur tad-dejta huwa definit b'mod wiesa' bħala kwalunkwe ksur li jwassal għall-qerda, telfien, żvelar eċċ ta' dejta personali trażmessa, maħżuna jew inkella pproċessata b'konnessjoni mas-servizz. Sejjer ikun hemm bżonn ta' avviż lill-individwi jekk il-ksur tad-dejta jkun probabbli li jista' jaffettwa ħażin id-dejta personali u l-privatezza tagħhom. Dan jista' jkun il-każ fejn il-ksur jista' jwassal għal serq ta' identità jew umiljazzjoni sinifikanti jew ħsara fir-reputazzjoni. L-avviż lill-awtoritajiet rilevanti sejjer ikun meħtieġ għal kull ksur tad-dejta, irrispettivament minn jekk hemmx riskju għall-individwi.

*Applikazzjoni tal-obbligi ta' ksur tas-sigurtà bejn is-setturi*

108. Sfortunatament dan l-obbligu japplika biss għal fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament, bħal kumpaniji tat-telefon, Fornituri tal-Aċċess għall-Internet, fornituri tal-Webmail, eċċ. L-EDPS iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq proposti dwar il-ksur tas-sigurtà li japplika bejn settur u ieħor. Rigward il-kontenut ta' tali qafas, l-EDPS jikkunsidra li l-qafas legali tal-ksur tas-sigurtà adottat fid-Direttiva dwar l-ePrivacy joħloq bilanċ xieraq bejn il-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi, inklużi d-drittijiet tagħhom għal dejta personali u privatezza, u l-obbligi imposti fuq l-entitajiet koperti. Fl-istess ħin, dan huwa qafas bi "snien" reali, minħabba li huwa appoġġjat minn dispożizzjonijiet sinifikanti ta' infurzar, li jipprovdu lill-awtoritajiet b'setgħat suffiċjenti ta' investigazzjoni u sanzjoni f'każ ta' nuqqas ta' konformità.

109. Għaldaqstant, l-EDPS iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta proposta leġiżlattiva li tapplika dan il-qafas bejn is-setturi, jekk ikun hemm bżonn mal-aġġustamenti xierqa. Barra minn hekk, dan jiżgura li jiġu applikati l-istess standards u proċeduri bejn is-setturi.

*It-tlestija tal-qafas legali inkorporat fid-Direttiva dwar l-ePrivacy permezz tal-komitoloġija*

110. Id-Direttiva riveduta dwar l-ePrivacy tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta miżuri tekniċi ta' implimentazzjoni, jiġifieri miżuri dettaljati dwar avviż ta' ksur tas-sigurtà, permezz ta' proċedura ta' komitoloġija ([2]). Dan l-għoti tas-setgħa huwa ġġustifikat sabiex jiżgura implimentazzjoni u applikazzjoni konsistenti tal-qafas legali tal-ksur tas-sigurtà. L-implimentazzjoni konsistenti taħdem sabiex tiżgura li l-individwi madwar il-Komunità jgawdu minn livell ugwalment għoli ta' protezzjoni u li l-entitajiet koperti ma jkunux mgħobbijin b'rekwiżiti diverġenti ta' avviż.

111. Id-Direttiva dwar l-ePrivacy ġiet adottata f'Novembru 2009. Ma jidhrix li hemm xi raġuni li tiġġustifika l-posponiment tal-bidu tax-xogħol għall-adozzjoni ta' miżuri tekniċi ta' implimentazzjoni. L-EDPS organizza żewġ seminars li mmiraw għall-iskambju u l-ġbir tal-esperjenza dwar l-avviżi tal-ksur tad-dejta. Hu jkun kuntent li jiskambja r-riżultati ta' dan l-eżerċizzju u qiegħed jistenna bil-ħerqa li jaħdem mal-Kummissjoni u partijiet interessati oħrajn sabiex jiġi rfinut il-qafas legali tal-ksur tad-dejta globali.

112. L-EDPS iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji, fi żmien qasir. Qabel ma tadotta miżuri tekniċi ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tinvolvi ruħha f'konsultazzjoni wiesgħa, li fiha l-ENISA, l-EDPS u l-Parti ta' Ħidma tal-Artikolu 29 għandhom jiġu kkonsultati. Barraminhekk, il-konsultazzjoni għandha tinkludi wkoll "partijiet interessati" oħrajn, partikolarment sabiex tinforma dwar l-aqwa mezzi tekniċi u ekonomiċi disponibbli ta' implimentazzjoni.

([1]) Linji gwida tal-OECD 1980 dwar il-Protezzjoni tal-Privatezza u l-Flussi Transkonfinali ta' Dejta Personali; Dikjarazzjoni tal-Privatezza ta' Madrid fuq Standards Globali ta' Privatezza għal Dinja Globali, tat-3 ta' Novembru 2009.

([2]) Il-komitoloġija tinvolvi l-adozzjoni ta' miżuri tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' kumitat ta' rappreżentanti minn Stati Membri ippresedut mill-Kummissjoni. Għad-Direttiva dwar l-ePrivacy, tapplika 'l hekk imsejħa proċedura regolatorja bi skrutinju, li jfisser li l-Parlament Ewropew, kif ukoll il-Kunsill, jistgħu jopponu miżuri proposti mill-Kummissjoni. Ara iktar fuq http://europa.eu/scadplus/glossary/comitology_en.htm

IX. **KONKLUŻJONIJIET**

113. Il-fiduċja, jew pjuttost in-nuqqas tagħha, ġiet identifikata bħala kwistjoni ewlenija fl-emerġenza u l-iskjerament b'suċċess tat-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni. Jekk in-nies ma jafdawx fl-ICT, huwa probabbli li dawn it-teknoloġiji ma jirnexxux. Il-fiduċja fl-ICT tiddependi fuq fatturi differenti; li jiġi żgurat li tali teknoloġiji ma jnaqqrux id-drittijiet fundamentali tal-individwu għall-privatezza u l-protezzjoni ta' dejta personali huwa wieħed ewlieni.

114. Sabiex jissaħħaħ iktar il-qafas legali ta' protezzjoni/privatezza tad-dejta, li l-prinċipji tiegħu jibqgħu kompletament validi fis-soċjetà tal-informazzjoni, l-EDPS jipproponi li l-Kummissjoni tinkorpora l-Privatezza skont id-Disinn fuq livelli differenti ta' liġi u tiswir ta' politika.

115. Hu jirrakkomanda li l-Kummissjoni ssegwi erba' azzjonijiet:

(a) Tipproponi li tinkludi dispożizzjoni ġenerali dwar il-Privatezza skont id-Disinn fil-qafas legali għall-protezzjoni tad-dejta. Din id-dispożizzjoni għandha tkun newtrali għat-teknoloġija u l-konformità għandha tkun obbligatorja fi stadji differenti;

(b) Telabora din id-dispożizzjoni ġenerali f'dispożizzjonijiet speċifiċi, meta jiġu proposti strumenti legali speċifiċi f'setturi differenti. Dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi jistgħu, diġà issa, jiġu inklużi fi strumenti legali; abbażi ta' Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta (u liġijiet oħrajn eżistenti);

(c) Tinkludi l-PbD bħala prinċipju ta' gwida fl-Aġenda Diġitali tal-Ewropa;

(d) Tintroduċi l-PbD bħala prinċipju f'inizjattivi oħrajn tal-UE (prinċipalment mhux leġiżlattivi).

116. Fi tliet żoni nnominati tal-ICT, l-EDPS jirrakkomanda li l-Kummissjoni tivvaluta l-bżonn li tressaq proposti li jimplementaw il-prinċipju tal-Privatezza skont id-Disinn f'modi speċifiċi:

(a) Rigward ir-RFID, tipproponi miżuri leġiżlattivi li jirregolaw il-kwistjonijiet ewlenin tal-użu tar-RFID f'każ li l-implimentazzjoni effettiva tal-qafas legali eżistenti permezz ta' awtoregolazzjoni ma jirnexxiex. B'mod partikolari, għandu jkun provdut għall-prinċipji ta' inklużjoni fil-punt ta' bejgħ skont liema t-tags kollha RFID imwaħħlin mal-prodotti tal-konsumatur jiġu ddiżattivati awtomatikament fil-punt ta' bejgħ;

(b) Fir-rigward tan-netwerks soċjali, tipprepara leġiżlazzjoni li tinkludi, bħala minimu, obbligu predominanti li jeħtieġ settings obbligatorji ta' privatezza, akkoppjati ma' rekwiżiti iktar preċiżi, dwar ir-restrizzjoni tal-aċċess għall-profili tal-utent għall-kuntatti personali magħżulin mill-utent stess, u tipprovdi li l-profili b'aċċess ristrett ma għandhomx ikunu jistgħu jiġu skoperti minn magni interni/esterni ta' tiftix;

(c) Rigward reklamar immirat, tikkunsidra leġiżlazzjoni li tirrikjedi li s-settings tal-brawżers jirrifjutaw awtomatikament cookies minn partijiet terzi u li tirrikjedi li l-utenti jgħaddu minn wizard ta' privatezza meta jinstallaw jew jaġġornaw il-brawżer għall-ewwel darba.

117. Finalment, l-EDPS jissuġġerixxi li l-Kummissjoni:

(a) Tikkunsidra li timplementa l-prinċipju tar-responsabbiltà fid-Direttiva dwar il-protezzjoni tad-dejta eżistenti, u

(b) Tiżviluppa netwerk ta' regoli u proċeduri għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' avviż għall-ksur tas-sigurtà tad-Direttiva dwar l-ePrivacy, u wara testendihom biex japplikaw b'mod ġenerali għall-kontrolluri kollha tad-dejta.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2010.

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta*